MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 266/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M'Stella Attard)**
**Vs**
**Carmen Rapinett**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin u cioe mis-sena 1994 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. minghajr l-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja tal-persuna ta' omissis, tifla taht l-eta ta' disgha snin, f'perikolu car, ikkagunaw offizi ta' natura gravi, liema offizi gew inflitti fuq l-istess omissis skond kif iccerfikat mit-tobba l-Professur Carmel Apap Bologna, Doctor Anton Mifsud, Doctor John Torpiano, Doctor Victor

Grech, Doctor Gordon Pezotich, Doctor A. Testa, Doctor Stephen Zammit u Doctor Anthony Gatt;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, abbandunaw jew hallew esposta lil imsemmija omissis, tifla ta’ eta ta’ inqas minn sebgha snin u kawza ta’ liema abbandun jew esposizzjoni, din t-tifla batiet offizi fuq il-persuna taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Settembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 214, 215, 216, 218(1), 246, 247, 31, 20, 22, 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u lliberathom minn kull imputazzjoni w htija w ordnat li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Harsien Socjali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 t’Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellati hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat id-Digriet tal-25 ta' Frar, 2009, li bih l-Onorevoli Imhallef Dr. David Scicluna, li kien qed jippresjedi din il-Qorti f' dan il-kaz originarjament, astjena milli jiehu konjizzjoni ta' dan l-appell u ordna li dan jigi assenjat mir-Registratur lill-istess Qorti diversament preseduta;

Rat l-ordni ta' din il-Qorti, kif issa preseduta, tat-18 ta' Marzu, 2009, biex il-kawza tigi appuntata ghas-smiegh ghat-2 t' April, 2009;

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi traskritti li kellha quddiemha. Dan il-kaz joffri kompendju komprensiv

u infelici ta' griehi, uhud serji w ohrajn aktar serji, subiti mill-minuri fuq medda ta' diversi snin sa minn meta il-minuri ghalqet sentejn. Skond it-tobba w specjalisti dawn il-feriti gravi ma kienux ta' natura accidentali, fil-parti l-kbira minnhom.  Ma hemmx dubju min huma l-genituri w lanqas hemm dubju dwar il-kwalita' ta' kura w attenzjoni li dawn kienu disposti joffru lill-minuri. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni f' dan il-kaz kellhom ikunu bizzejjed sabiex iwasslu lill-gudikant biex jasal ghall-konkluzzjoni li r-reati ipotizzati sehhew bl-azzjoni tal-appellati sal-grad tac-certezza morali. Ma hemmx bzonn certezza assoluta. Ghalkemm mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm xi cirkostanzi wahdanin li jista' jinghid li tista' tezisti xi forma ta' korroborazzjoni bejn l-omm appellata u oht il-minuri (fir-rigward ta' frattura li setghet kienet kagjonata wara waqa' minn fuq *see-saw* improvvizata, jibqa' l-fatt li l-griehi l-ohra, fi kwantita' numeruza w ta' natura gravi, ma inghatatx spjegazzjoni veritjiera ta' kif sehhew da parti tal-appellati - gjaladarba ghazlu li jixhdu - u mix-xhieda prodotti. Anzi r-ragunijiet migjuba minnhom gew ampjament kontradetti mill-elenku ta' xiehda tat-tobba w specjalisti li ddeponew. Illi anki jekk, *gratia argomenti*, l-Ewwel Qorti ma kienetx sodisfatta li l-griehi kienu kawzati mill-appellati jew min minnhom, stante li l-minuri kienet persuna ferm fuq taghha w kienet ukoll *accident prone*, xorta jibqa' l-fatt li l-appellati, qua genituri, kienu fl-obbligu pozittiv li jissorveljaw li l-minuri ma tkunx imqieghda f' pozizzjoni li tkun tista' tkorri jew li tigi korruta minn hutha. L-appellati naqsu milli jwettqu dawn id-dmirijiet bazici ta' genituri. Ghalhekk hemm l-akkuza tal-abbandun, skond l-artikoli 246 u 247 tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza fl-udjenza tat-2 t' Apil, 2009;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jirrigwarda principalment l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj

stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “*inter alia”* l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94] ; **“Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi”** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti dan il-kriterju ghandu japplika ukoll f’ kaz ta’ appelli mill-Avukat Generali li jkunu bazati fuq apprezzament tal-provi, kif issa jista’ jsir bl-emendi recenti f’ kazijiet li jaqghu taht l-artikolu 413 ( c ) tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex, kif gie ritenut fl-Appelli Kriminali **“Il-Pulizija vs. Silvio Buttigieg”** [6.5.2002] u **“Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et”** [21.3.2003] :-

*“….din il-Qorti ttenni li dak li japplika fil-kaz ta’ appelli ntavolati minn akkuzati li jkunu misjuba hatja mill-Ewwel Qorti , ghandu japplika wgwalment ghall-appelli ntavolati mill-Avukat Generali , fis-sens li din il-Qorti m’ghandhiex tiddisturba d-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar apprezzament tal-provi mismugha minnha w traskritti, sakemm tali konkluzzjoni ma tkunx tidher “unsafe and unsatisfactory”. Fi kliem iehor, jekk l-Ewwel Qorti tkun setghet ugwalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni li twassal ghall-liberazzjoni fuq il-provi li jkunu ngabu quddiemha, din il- Qorti, anki jekk forsi ma taqbilx ma tali konkluzzjoni, m’ghandhiex tirrevoka*

*dik id-decizjoni tal-Qorti tal-ewwel grad. Dan hu kriterju li din il-Qorti qed issegwi fil-kaz ta' appelli mill-persuna dikjarata hatja w hu ekwu w gust li dal-principju japplika fil-kaz ta' appelli tal-Prosekuzzjoni wkoll."*

Illi din il-Qorti ghalhekk regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini li waslet ghaliha meta ma sabitx lill-appellati hatja taz-zewg akkuzi dedotti kontra taghhom.

Ikkonsidrat;

Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tosservax - kif del resto hasset li kellha tosserva wkoll l-Ewwel Qorti - li, ghalkemm hu minnu li l-provi f' din il-kawza kienu pjuttost voluminuzi, l-process ha madwar disgha snin u nofs biex seta' jigi gie deciz mill-Ewwel Qorti, w li ghal dan id-dewmien ikkontribwew kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza bil-mod kif ressqu l-provi quddiem l-Ewwel Qorti. Di fatti l-Ewwel Qorti ccensurat kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiza ghal mod kif tressqu l-provi fejn il-prosekuzzjoni hadet hames snin u nofs biex ikkonkludiet il-provi w id-difiza damet sentejn u nofs ohra biex ghalqet il-provi taghha, sia pure' ghax il-prosekuzzjoni ma kienetx rapprezentata f' hafna okkazzjonijiet. Il-kawza giet trattata biss sentejn wara. Dan wassal biex it-tifla ghamlet disgha snin boghod mill-genituri taghha w trabbiet f' istitut minkejja x-xewqa taghha li tibqa' mal-familja taghha.

Illi l-fatti tal-kaz jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

Ghall-habta ta' l-ahhar ta' Novembru, tas-sena 1995, it-Tabib Dottor Anthony Gatt mill-Isptar San Luqa, kien informa lill-Pulizija li kienet giet ammessa fl-isptar omissis, tifla ta' tlitt snin, li kienet qed issofri minn ugieh f' rasha w li kellha xi fratturi w li dan kien x'aktarx dovut ghal xi swat li qalghet.

Irrizulta li din ma kienetx l-ewwel darba li t-tifla kienet iddahhlet l-isptar. Il-Pulizija bdew bl-indagni taghhom u

rrizultalhom li fit-18 ta' Settembru, 1994, l-istess tifla, li allura kellha biss sentejn, kienet iddahhlet l-isptar issofri minn *CMV Infection*. F' Novembru, 1994, umbaghad irrizulta li regghet iddahhlet issofri minn *supra condular fracture*. Minn ezami ulterjuri rrizulta li t-tifla kienet qed issofri minn tbengil taht l-ghajnejn, fuq kuxxtejha w fuq darha, grif fuq il-wicc u fl-ghonq u roqgha minghajr xaghar fuq rasha w roqgha ohra fejn ix-xaghar kien tiela mill-gdid. Kellha ukoll perforazzjoni tat-tambur ta' widnejha x-xellugija. Irrizulta wkoll li l-minkeb tax-xellug *kien "mildly displaced"* u kellu jitpogga fil-gibs. Inoltre nstab li t-tifla kellha dak li gie deskritt bhala *"abnormality*" f' sidirha fuq in-naha tal-lemin li setghet kienet rizultat ta' fratturi antiki fil-qafas tas-sider. Kellha wkoll xi bicciet tal-*foam* f' imnieherha li jidher li kien ilhom hemm ghal xi zmien stante li kien beda jinten. Minn *brain scan* irrizulta wkoll li t-tifla kellha ksur fil-*left occipital bone.* Skond it-tobba ma kienux ta' natura accidentali.

Wara li giet ikkurata, din it-tifla, li allura kellha biss sentejn, giet riferuta mill-Isptar u nhareg *interim care order* dwarha.

Irrizulta wkoll li meta t-tifla giet ezaminata minn social worker tas-Social Welfare Development Programme fil-1995, it-tifla kienet qed issofri minn diversi griehi w kienet soggetta ghal *child neglect*. Kienet qed issofri minn *accidents* meta tkun fil-kumpanija tal-genituri taghha jew xi wiehed jew wahda minnhom li ma kellhomx spjegazzjoni kif kienu qed isehhu.

It-tifla giet fdata fil-kura tas-sorijiet u meta kienet tkun mas-sorijiet ma kellhiex griehi bhal dawk li sofriet meta kienet mal-genituri taghha.

Fi Frar, 1995, it-tifla regghet iddahhlet l-Isptar issofri minn ksur f-sieqha. L-appellata kienet stqarret li dan gara meta t-tifla waqghet mis-sodda.

Waqt li t-tifla kienet l-isptar u wara li kellha vista minn ommha l-appellata, nstab li kienet qed issofri minn *fresh trauma periorbital bruises.*

Fit-28 ta' Novembru, 1995, il-minuri regghet iddahhlet l-isptar issofri minn ksur f' idejha t-tnejn, li skond it-tobba ma kienux griehi accidentali imma kompatibbli ma gbid mid-dirghajn tal-minuri. Inoltre kellha xi xaghar nieqes li ma kienx jidher li waqa' accidentalment izda kien rizultat ta' gbid. Kien proprju dan l-ahhar incident li wassal lit-tabib Gatt li jirraporta l-kaz lill-Pulizija kif fuq intqal.

Minn ezamijiet psikjatrici li saru fuq it-tifla fis-sena 1999, irrizulta li t-tifla kienet *hyperactive* u ssofri minn *depression* u kienet tehtieg *facilitators* stante li kienet imqarba hafna. Kienet ukoll ghal xi zmien rikoverata fil-Young People's Unit tal-Isptar Monte Carmeli. Baqghet *hyperactive*, u *accident prone* u xi drabi kienet tkun inkontrollabbli stante *conduct disorders*. Bil-kura pero' bdiet tmur ghall-ahjar.

Xehdu quddiem l-Ewwel Qorti diversi tobba w specjalisti li qalu li l-maggor parti tat-trawmi subiti mit-tifla fil-periodu rilevanti ma kienux griehi ta' natura accidentali jew kompatibbli mar-ragunijiet li taw l-appellati bhala kawza ta' dawn it-trawmi.

L-appellata Carmen Rapinett kienet giet interrogata mill-Pulizija u ghamlet stqarrija (Dok. MSC a fol. 181 et seq.) li pero' ma ffirmathiex, u l-appellat omissis, ukoll irrilaxxja l-istqarrija (Dok. MSC 1 li tinsab a fol. 184 et seq. tal-process), li ukoll ma iffirmahiex.

**Carmen Rapinett,** fl-istqarrija taghha, *inter alia,* qalet li l-minuri omissis kienet l-izghar fost hamest itfal li hi kellha. Hi biss kienet tiehu hsiebha w l-appellat l-iehor kien imur id-dar fejn toqghod biex jitma' l-ghasafar u johrog lit-tfal, li l-ahhar erba minnhom, inkluza omissis, kienu tieghu minn relazzjoni li kellha mieghu. Kienu hadu lit-tifla l-isptar fit-28 ta' Novembru, 1995 ghax waqghet il-jum ta' qabel cioe' fis-27 ta' Novembru. Kienet waqghet u haduha l-isptar l-ghadha ghax qamet b' idejha minfuhin. Hi ma kienetx prezenti meta waqghet ghalkemm kienet id-dar u indunat ghax semghetha tibki. Hi kienet fil-kcina w t-tifla kienet fit-tarag li jaghti ghall-bejt. Sabitha wiccha 'l isfel f' nofs it-tarag. Tahseb li qabel kienet niezla t-tarag. Spjegat ghala

t-tifla kienet diga' dahlet diversi drabi l-Isptar qabel din l-okkazzjoni billi qalet li l-ewwel darba dahlet bil-mikrobu, t-tieni darba kellha idejha fil-gibs ghax waqghet minn fuq banketta mat-tifel. Umbaghad dahlet l-isptar peress li dahlet sponza go imnieherha w umbaghad kisret saqajha fl-ewwel tas-sena imma ma tiftakarx biex. Mistoqsija kif tifla ta' tlitt snin kellha daqshekk ksur, wiegbet: *"Jien m'ghandi xejn xi nghid."* Dwar l-ahhar incident ta' meta t-tifla kisret idejha, hi ma hadithiex l-isptar mill-ewwel. Ghamlitilha lasta ta' xkupa ma idejha w it-tifla bdiet thaddem subghajha. Mistoqsija kienetx informat lill-ko-appellat b' dan l-incident, qalet li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk gieli kienetx terfa' idejha fuq omissis, wiegbet li xi daqtejn fuq saqajha tatiha. Mistoqsija kif dejjem ikollha tbengil, wiegbet li t-tifla mal-ewwel titbengel. It-tfal l-ohra qatt ma dahlu l-isptar.

Meta mbaghad xehdet quddiem l-Ewwel Qorti (a fol. 576 et seq.), **l-appellata Rapinett** qalet *inter alia* li hi xebba. Kellha hamest itfal imma l-ewwel tifla Nadia ma kienetx bint il-ko-appellat kif kienu l-erba l-ohra. Wara li kellha l-ewwel zewgt itfal kienu nehhewlha kilwa w l-marrara w kien hargilha z-zokkor u bdiet tbaghti minn *depression*. Id-dar tal-Gzira kienet zghira w tikkonsisti f' kamra tas-sodda wahda, kcina w kamra fuq il-bejt. Binha Peter mar joqghod ma oht il-ko-appellat ghax ma kellhiex sahha trabbieh. Meta twieldet omissis ma setghetx izzommha minhabba sahhitha w dahhlita Angela House, f' Tas-Sliema w kienu jmorru jarawha, johorguha w jirritornawha. omissis damet il-creche sentejn. Meta hi marret toqghod Birkirkara, harget lil omissis mill-istitut u haditha d-dar u t-tifla beda jkollha hafna incidenti. Darba omissis w ohtha kienu fuq il-bejt, fuq banketta w hekk kif ohtha Svetlana qamet, omissis waqghet u kisret idejha w hi u l-ko-appellat haduha l-isptar. Darb' ohra omissis qabzet mil-*cot* fejn kienet hallietha w kisret saqajha. Darb' ohra waqghet it-tarag meta kienet niezla minn fuq il-bejt ma ohtha Svetlana.  Darb' ohra waqghet it-tarag u kellha black eye. Dawn l-incident graw fi tlitt xhur. Cahdet li qatt sawwtet lit-tfal b' mod volontarju, ghalkemm xi daqtejn fuq saqajhom gieli tathom. Qatt ma kisritilhom idejhom jew saqajhom. Qalet li omissis kien ghadha *hyper* sa meta xehdet (fit-

2.5.2005) u li anke waqt li kienet ghand is-sorijiet kellha incident simili fejn waqghet u kisret idejha. Qalet li t-tfal thobbhom. Mistoqsija jekk kellhiex tiehu aktar hsieb it-tifla, wiegbet li ma setghet taghmel xejn izjed milli ghamlet.

Fl-istqarrija tieghu l-**Appellat Omissis** kien qal li hu guvni pero' ghandu erbat itfal mill-ko-appellata Rapinett, inkluza omissis. Mistoqsi kemm hin iqatta' gewwa d-dar tal-ko-appellata Rapinett, qal li kien imur jaghalef l-ghasafar u mbaghad joqghod hemm madwar tlitt sieghat u gieli raqad hemm. Rapinett qatt ma hallietu wahdu mat-tfal. Hu qatt ma kien prezenti meta weggghet omissis peress li Rapinett tiehu hsiebhom it-tfal. Dwar l-incident tal-jum ta' qabel (tas-27.11.1995) Rapinett kienet qaltlu li omissis kienet waqghet it-tarag. Mistoqsi jaghti spjegazzjoni ghall-griehi li sofriet, omissis qal: *"L-ewwel darba waqghet minn fuq il-banketta, niftakar li kienet qabzet is-sodda u issa waqghet it-tarag."* Qatt ma ra lil Rapinett terfa' idejha fuqha lit-tifla. Mistoqsi kif tifla ta' dik l-eta' (ie. bejn sentejn u tlitt snin) twegga w jistax ikun li Rapinett ma tatix bizzejjed attenzjoni, wiegeb: *"Mhux minn quddiem ghajnejk iweggghu."*

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti (Fols. 572 et seq. tal-process) l**-appellat omissis** qal li hu jahdem bhala *watchman* u gieli jaghmel xoghol *part-time* fil-gebel. Kien ilu fir-relazzjoni ma Rapinett tnejn u ghoxrin sena meta xehed fid-19 ta' Jannar, 2005. Minnha kellu erbat itfal. Hu ma jghixx ma Rapinett imma dejjem ghix ma ommu anzjana li kienet tbaghti biz-zokkor u kellha ferita f' saqajha. Meta twieldet omissis, Rapinett, li kienet marida, ma setghetx izzommha w poggietha fil-creche. Meta marru Birkirkara, hargu lil omissis mill-istitut u haduha maghhom hemm. Meta kien jirritorna lura mix-xoghol, Rapinett kienet tghidlu li omissis weggghet u kienu johduha l-isptar. Darba minnhom omissis kienet qed tilghab ma ohtha Svetlana fuq *see-saw* u Svetlana qamet u omissis marret ghal darha u kisret idejha w haduha l-isptar mill-ewwel. Darba ohra it-tfal kienu qalu li waqghet minn fuq is-sodda, ghalkemm is-sodda kienet maghluqa w meta hu rritorna minn fuq ix-xoghol, Rapinett qaltlu li omissis weggghet u kisret saqajha. Dawn l-incidenti ma

grawx quddiemu ghax kien ikun xoghol meta graw. Carmen Rapinett dak iz-zmien kienet tkun wahedha d-dar mat-tfal.

Oht omissis, Svetlana xehdet in difeza (fol. 591 et seq. tal-process ) u *inter alia* qalet li darba minnhom tiftakar li kienu qed jilghabu fuq il-bejt hi w omissis w kienu fuq injama speci ta' *see-saw* . Hi qamet u omissis waqghet u kisret idejha. Darb'ohra hi kienet fil-kcina u rat lil omissis taqa' t-tarag u ommha ippanikjat. Ommha Rapinett tikkoregiha billi tghajjat maghha u qatt ma sawwtithom, ghajr xi daqqa fuq kuxxtejhom. Anki hi darba spiccat l-isptar ghax kienet qed tilghab ma hbiebha fuq il-bandli w waqghet u kisret saqajha. Qatt ma rat lill-ommha ssawwat lil omissis, li ma kellhiex sabar u ma toqghod imkien.

omissis, l-allegata vittma, ukoll giet prodotta bhala xhud in difeza w meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti (Fol. 595 et seq.) kellha tnax il-sena. Ftakret biss li kienet ghamlet xi zmien l-isptar meta kienet zghira ghalkemm ma ftakritx iz-zmienijiet li kienet tghix id-dar ma ommha Rapinett peress li kienet ghadha zghira. Talbet lil Qorti biex tithalla tmur toqghod ma missierha w ommha d-dar taghhom u tohrog mill-istitut fejn kien ghadha sakemm xehdet f' Lulju, 2005. Qalet li lil genituri taghha dejjem baqghet thobbhom ghaliex dejjem imhabba rat minnhom.

S'intendi, din it-tifla ma setghet tiftakar xejn minn dak li kienet ghaddiet minnu bejn l-eta' ta' sentejn u tlitt snin, meta graw l-incidenti fuq imsemmija. Din it-tip ta' amnesijia tas-snin tal-infanzja hija ghal kollox normali. Ghalhekk hi ma setghet titfa' ebda dawl fuq dak li verament kien gara.

Ikkonsidrat;

Illi fis-sentenza taghha li fiha gew rikapitulati dettaljatament il-provi mismugha, wara ri-affermazzjoni ta' principji ta' dritt rilevanti, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li minn imkien ma jirrizulta li l-feriti li ssubiet it-tifla gew kagjonati b' mod volontarju mill-genituri taghha, l-appellati. Immotivat din il-konkluzzjoni billi qalet li hut il-minuri xehdu

w spjegaw kif it-tifla weggghet f' okkazjoni partikolari meta kienet fil-kumpanija taghhom. Qalu wkoll li qatt ma raw lill-appellati jsawwtu lit-tifla. L-appellati cahdu li huma kienu kkagunaw feriti ta' natura volontarja fuq binthom. Il-minuri stess xehdet fejn uriet ix-xewqa taghha li tmur tghix mal-genituri taghha w qatt ma qalet li rat xi ghajn hazina minghand il-genituri taghha. Fuq din il-motivazzjoni, l-Ewwel Qorti hasset li l-prosekuzzjoni m' irmexxiliex tipprova l-ewwel akkuza.

Dwar it-tieni akkuza, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li mill-provi prodotti jirrizulta l-oppost ta' abbandun tat-tifla ghax l-appellati kienu l-persuni li kull darba li nnotaw xi haga hazina jew mhux regolari f' binthom, kienu jakkompanjawha l-isptar ghall-ghajnuna medika w kienu jikkooperaw mal-awtoritajiet u meta l-minuri kienet tkun fl-istitut, kienu jmorru jzuruha kulljum. Hadd mix-xhieda prodotti ma jitfa' xi dawl negattiv fuq il-genituri dwar it-trobbija taghhom salv ghal soru wahda li tghid li l-appellata hija rozza w goffa f' ghemilha. Ma rrizultatax lill-Qorti lanqas okkazzjoni wahda fejn l-appellati effettivament abbandunaw lill-uliedhom.

Ikkonsidrat;

Issa huwa minnu li ma hemm ebda prova diretta gejja minn xi xhud okulari li tindika li kien hemm xi swat fuq il-minuri fil-periodu bejn l-eta' ta' sentejn u l-eta' ta' tlitt snin, ossia fil-periodu qasir li omissis damet tghix ma ommha. Hemm xi incidenti li huma spjegabbli bil-mod kif iddeskriviethom l-appellata Rapinett li sa certu punt fihom tikkorroboraha anki bintha Svetlana Buhagiar. Imma hemm numru ta' incidenti trawmatici ohra li ma gewx spjegati w li jistghu ikunu indikattivi ta' uzu ta' vjolenza jew ta' guffagni fuq il-minuri. Peress li ma ma saret ebda prova lanqas remotissima li dawn it-trawmi gew kagjonati minn terzi, allura c-cirkostanzi w l-provi indizjarji jippuntaw kollha lejn konkluzzjoni wahda u cioe' li dawn graw meta it-tifla kienet taht il-kura w kustodja ta' ommha Rapinett, li kellha d-dover "*to exercise due care*" li dawn ma jigrux.

Issa anki jekk jibqa' d-dubju dwar min seta' ikkaguna whud minn dawn l-offizi gravi w cioe' hux il-wahda jew l-iehor miz-zewg appellati, jew it-tnejn li huma jew adirittura xi hadd minn hut it-tifla, l-incidenza hekk spissa ta' incidenti trawmatici koncentrati f' periodu ta' zmien hekk qasir ta' madwar sena, u cioe' meta t-tifla kellha bejn sentejn u tlitt snin, zgur huma indikattivi ta' grad ta' nonkuranza da parti ta' min kien qed jiehu hsieb it-tifla, u li kellu jew kellha l-obbligu li jara jew tara li dawn l-incidenti jigu evitati. Irrizulta li kienet l-omm l-appellata Rapinett, *single mother*, li fil-periodu in kwistjoni kienet tkun suppost il-hin kollu qed tiehu hsieb it-tifla w kien jinkombi fuqha l-ewwel u qabel kollox li ma thallix it-tifla tkun fil-perikolu. Dato e concesso li t-tifla kienet imqarba u *hyperactive,* kien allura mehtieg li l-attenzjoni w il-vigilanza fuq it-tifla tizdied. Hu minnu li t-tfal jittraduk f' sekonda w jwegghu bla ma tkun taf kif anki taht ghajnejk, kif qal l-appellat omissis, imma kif qal Oscar Wilde (f' termini daqxejn differenti) li jigri incident darba hija sfortuna imma li jigri aktar minn darba, jindka traskuragni jew nonkuranza grassa.

Jekk l-omm, minhabba l-istat ta' sahhitha, ma setghetx tiehu hsieb sew il-hamest itfal illegittimi li welldet, u partikolarment liz-zghira omissis, kien imessha hallietha tghix l-istitut fejn kienet diga' dahhlitha wara li twieldet u mhux hargitha biex tmur tghix maghha, jekk ma kienetx kapaci li tiehu hsiebha.

Illi ghalhekk, anki jekk l-appellata tinghata l-beneficcju kollu tad-dubju li tatha l-Ewwel Qorti w jitqies li ma rrizultax li kkagunatilha offizi gravi volontarji, ma tistax tigi skolpatha ukoll mir-reat, kompriz u involut, ta' offizi gravi involontarji fuq il-persuna ta' bintha *"toddler"*, li bejn l-eta' tenera ta' sentejn u tlitt snin, bhal tfal ohra ta' dik l-eta', jridu vigilanza stretta w attenzjoni kontinwa w ininterrotta.

Din il-Qorti, fil-waqt li tikkoncedi li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tat il-beneficcju tad-dubju lill-appellata fuq jekk l-offizi kienux volontarji, ma tistax taqbel mal-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti meta skolpat pjenament lill-appellata anki mir-reat kompriz w

involut ta' offizi involontarji ta' natura gravi kagjonati b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni da parti taghha bhala omm tal-minuri li kienet tkun wahedha d-dar maghha.

Dan l-aspett jidher li ma giex konsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta kien ovvju li t-tifla tant zghira, aktar u aktar jekk kienet *hyperactive*, suppost li kienet taht il-vigilanza w supervizjoni kostanti ta' ommha, u meta suppost li anki jekk dawn il-korrimenti ma kienux previsti mill-omm, suppost li kienu prevedibbli minnha.

Illi ma hemmx dubju li taht is-sistema legali taghna il-koncett tal-prevedibilita' huwa determinanti biex tirradika ruha il-"*culpa"* jew eghmil negligenti li jwassal ghall-event dannuz, u li jekk l-event dannuz, ghalkemm mhux mixtieq u previst, seta' jigi previst, allura ikun hemm il-*"culpa"* li twassal ghar-responsabbilta' kriminali, ghax kif jghid il-CARRARA (Programma 84) : -

*"il non aver previsto la consequenza offensiva sconfina la colpa dal dolo . Il non averla potuto prevedere sconfina il caso dalla colpa."*

u kif irriteniet il-Corte di Cassazione Taljana (13.V. 1907 , in Giust. Penale , 1907 , 772) :-

*"e' sempre il concetto della prevedibilita' dell' evento ...quello su cui si fondano , se non esclusivamente , almeno principalmente , e la teorica di diritto e il codice positivo nei reati colposi."*

(ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Lorenza Dimech"** [27.6.2002] fejn gew trattati l-obbligi ta' min jonqos li jissorvelja tfal zghar li jkunu fdati fil-kustodja tieghu.)

Ikkonsidrat;

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li ghall-inqas l-appellata Rapinett kellha tinstab hatja tar-reat kontinwat t' offizi gravi involontarji fuq il-persuna ta' bintha, kagjonati minn nuqqas ta' hsieb u traskuragni li uriet fis-sorveljanza w

kura ta' bintha ta' l-eta' hekk tenera ta' bejn sentejn u tlitt snin.

L-istess pero' ma japplikax ghall-ko-appellat. Diga' ntqal li hu ma kienx jghix ma Rapinett imma kien jghix ma ommu w ghalkemm kien iqatta' xi hin ghandha wara li jigi mix-xoghol, kienet Rapinett li tiehu hsieb uliedha w lilu qatt ma hallietu wahdu maghhom. Inoltre, kull meta weggghet omissis, hu kien fuq ix-xoghol u sar jaf x' ikun gralha wara li jigi mix-xoghol. Kien umbaghad johodha l-Isptar ghall-kura. Ghalhekk, apparti li fl-kaz tieghu wkoll ma hemm ebda prova diretta jew indizjarja li hu kien ikkaguna xi offizi volontarji fuq bintu, lanqas ma tiskatta necessarjament kontra tieghu dik id-*duty of care* tal-minuri li jirrendih passibbli ghar-responsabilta' kriminali ghall-offizi involontarji fin-nuqqas, kif japplika fil-kaz ta' Rapinett li kienet il-persuna li suppost kienet toqghod id-dar mat-tarbija biex tiehu hsiebha. Ghalhekk, fil-kaz tal-ko-appellat Buhagier, din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni ta' liberazzjoni mil-ewwel imputazzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti w ma tarax li hemm lok ghala ghandha tiddisturba l-apprezament tal-fatti li sar fir-rigward tieghu mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik li taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 246 u 247 tal-Kodici Kriminali w cioe' r-reat ta' min ikun hati li abbanduna jew halla espost tifel/tifla ta' eta' ta' anqas minn seba' snin. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultawx l-elementi materjali tar-reat in kwantu ma jirrizultax li kien hemm "abbandun" *ut sic* tat-tifla omissis. Din fl-eta ta' bejn sentejn u tlitt snin kienet dejjem tghix ma' ommha w ghalkemm, kif fuq intqal, korriet diversi drabi, dejjem ittiehdet ghall-kura mill-istess zewg appellati. Lanqas, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jirrizulta l-element l-iehor alternattiv kostituttiv ta' dar-reat cioe' dak li wiehed ihalli espost/a tifel jew tifla ta' eta' t' anqas minn seba' snin. Ghalhekk anki hawn din il-Qorti tqis u tara li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tissindaka l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti

fir-rigward tat-tieni imputazzjoni w dan fil-konfront taz-zewg appellati.

Ikkonsidrat ;

Illi r-reat li issa l-appellata Rapinett qed tinstab hatja tieghu hu punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt (6) xhur jew multa ta' mhux izjed minn elfejn tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u seba w tletin centezmu, skond l-art. 226 (1) (b) tal-Kodici Kriminali. Peress li r-reat kien wiehed kontinwat, il-piena skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, tista' tizdied bi grad jew zewg gradi ghal massimu ta' sena prigunerija.

Din il-Qorti pero' qieset li mid-data tal-kommissjoni tar-reat ta' offizi gravi **involontarji** kagjonati fuq it-tifla fil-periodu 1994 - 1995, issa ghaddew kwazi hmistax il-sena w it-tifla illum kwazi saret maggorenni. Qieset ukoll li t-tifla ma tiftakarx x' ghadda minnha meta kienet ta' eta' hekk ckejkna w llum (jew ghall-inqas sal-2005 meta xehdet) kienet herqana ferm li terga' tinghaqad mal-genituri taghha l-ko-appellati, li tghid li minnhom imhabba biss rat meta kienu jzuruha fl-istitut ghal dawn is-snin kollha. Qieset ukoll l-istat ta' indigenza tal-appellata Rapinett kif ukoll l-istat ta' sahhitha w t-trapass enormi taz-zmien li biddel radikalment ic-cirkostanzi li wasslu biex it-tifla tpoggiet taht *care order* meta kellha tlitt snin u ghalhekk tara li f' dan il-kaz ikun aktar opportun li tigi applikata sentenza ta' prigunerija sospiza milli wahda effettiva jew multa, kombinata ma ordni ta' supervizjoni, biex b' hekk tintemm b' mod pozittiv din it-tragedja skwallida familjari li ghamlet tant hsara lill-omissis u forsi twassal biex din il-povra tfajla tibda' tghix hajja ftit ahjar milli ghexet s' issa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat liz-zewg ko-appellati miz-zewg imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom izda tirrevokaha in kwantu illiberat lill-appellata Carmen Rapinett minn kull imputazzjoni w piena w minnflok, wara li rat l-artikoli 18, 214, 216, 225, 226 (1) (b), 28A u 28G tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), issib lill-

appellata Carmen Rapinett hatja tar-reat kontinwat, kompriz u involut, li minhabba nuqqas ta' hsieb u traskuragni kkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' bintha omissis u tikkundannaha ghall-piena ta' sena prigunerija, liema piena pero' ma tidholx fis-sehh kemm il-darba, fil-periodu ta' erba (4) snin mill-lum hija ma tikkommettiex xi reat iehor li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija.

Inoltre il-Qorti, b' zieda ma dan, qed taghmel ordni ta' supervizjoni li bih qed tqieghed lill-hatja Carmen Rapinett taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-periodu ta' erba (4) snin mil-lum b' dan li l-hatja ghandha tikkonforma ruha ma dawk il-htigijiet u kondizzjonijiet li l-Qorti qed timponi fl-infraskritt Ordni ta' Supervizjoni.

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellata Rapinett ir-responsabbilta' taghha taht l-artikolu 28B jekk hi, tul il-periodu operattiv ta' erba snin tikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, jew jekk tonqos li tikkomforma ruha mal-htigijiet kontenuti fl-ordni ta' supervizjoni, skond l-artikolu 28G (9).

Il-Qorti qed tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ghall-obbligu tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali, (Kap.9).

Fl-ahhar nett il-Qorti qed taghmel rakkomandazzjoni qawwija lill-awtoritajiet koncernati biex l-effetti tal-*care order* mahrug fl-interess tal-minuri issa jintemm biex it-tfajla omissis tkun tista' terga' minnufieh tmur tghix mal-genituri taghha mill-gdid, fejn issa jkollha it-tutela w protezzjoni tal-ufficjal ta' supervizjoni li qed jigi mahtur b' din is-sentenza. Ghalhekk tordna n-notifika ta' kopja ufficjali ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Harsien Socjali.

**QORTI TAL-APPELL-KRIMINALI.**

**ORDNI TA' SUPERVIZJONI**

**MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 28G TAL-KODICI KRIMINALI**

**Illum, 14 ta' Mejju, 2009.**

**Billi CARMEN RAPINETT, xebba, bint Eugenio Rapinett u l-mejta Frances Saveria nee' Debono, imwielda Pieta' fil-5 ta' Marzu, 1954, detentrici tal-karta tal-identita numru 280354M , hawn taht imsejjha "il-hatja" :-**

**Instabet hatja b' sentenza tal-lum stess ta' din il-Qorti talli f' dawn il-Gzejjer f' dawn l-ahhar snin u cioe' mis-sena 1994 'l hawn, b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni, kkagunat offizi ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' bintha minuri omissis ;**

**U billi, fil-fehma ta' din il-Qorti , bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, hu opportun li l-hatja titpogga taht ordni ta' supervizjoni**

**minn ufficjal ta' supervizjoni skond il-ligi ghall-periodu ta' erba (4) snin mill-lum;**

**Issa ghalhekk qed tordna li l-hatja titpogga taht is-supervizjoni tal ufficjal ta' supervizjoni li jigi mahtur ghall-periodu kollu fuq imsemmi, w dana taht l-obbligi w kondizzjonijiet li gejjin:-**

**Li l-ufficjal sorveljanti jara b'mod partikolari li, jekk it-tfajla omissis terga' tigi fdata f' idejn il-hajta, din tigi salvagwardata minn kull maltrattament, nonkuranza jew minn kull periklu ghal-sahhitha w l-inkolumita' taghha.**

**Li tul il-periodu kollu ta' erba (4) snin il-hatja ghandha tibqa' f' kuntatt kontinwu mal-ufficjal sorveljanti u timxi skond dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn zmien ghal zmien tinghata minn dak l-ufficjal u l-hatja ghandha tavzah b'kull tibdil fl-indirizz taghha.**

**Li jekk b' xi mod kwalsiasi, l-hatja ma toqghodx ghal dawn il-htigijiet, kondizzjonijiet jew istruzzjonijiet, l-ufficjal sorveljanti ghandu jaghmel minnufieh rapport bil-miktub lil din il-Qorti ghal kull azzjoni opportuna skond l-artikolu 28G (9).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------